GUDJA

Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 20 t' April 2011.

Preżenti: Sindku;John Mary Calleja
Viċi-Sindku; Romeo Baldacchino
Kunsillieri; Osvaldo Pace u Anthony Dalli

Skużat: Kunsillier; Mark Anthony Sammut

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 26/6 (28/03/2011)
27/6 (05/04/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja - Progress

5. Approvazzjoni tal-Financial Statements u Rapport tal-Awditur tal-Gvern Lokali

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 26/6 (28/03/2011)
27/6 (05/04/2011)

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tat-28 ta' Marzu 2011 u dawk tal-laqgħa tal-05 t' April 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku - Sur John-Mary Calleja

2.1.1 Mera ħdejn il-binja tal-Parroċċa fi Triq il-Magħsar Gudja. Is-Sindku qal li ġie osservat li din il-mera biswit fejn qed jitla l-bini talParroċċa tinsab nieqsa u peress li hija ta' ħtieġa sabiex it-traffiku jimxi mingħjar inċidenti, din il-mera

għandha terġa issir malli jitlesta l-bini. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

2.1.2 Mera quddiem Sqaq Munxar, Gudja. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li din il-mera tiġi mwaħħla malajr u b' hekk jonqos il-periklu kemm għat-traffiku kif ukoll għal pedestrians. Il-Kunsill qabel li tinxtara u tiwaħħal din il-mera fil-post meħtieġ.

2.1.3 Xiri ta' konkos mingħand Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd. Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 20 t' April 2011 huwa ordna erba' jardi konkos kif diġa approvat mill-Kunsill sabiex isisr xogħol fi Triq Ħal Resqun (mhux fil-parti li ġiet asfalta) ktr ma' Triq Ħal Safi u fi Triq Birżebbuġa Gudja. Dan il-konkos wasal għal ħabta tal-10.00a.m. meta l-ħaddiema tal-Kunsill kienu diġa assenjati xoghlijiet oħra u għalhekk ma kienx hemm min iferrex dan il-konkos.

Is-Sindku qal li huwa bagħat dan il-konkos lura għaliex dan kellu jasal fuq il-post fit-8.00a.m. u mhux fl-10.00a.m. Il-Kunsill qabel li meta toħroġ il-Purchase Order (PO) din għandha ukoll tindika l-ħin li għandu jasal ix-xogħol fuq il-post meħtieġ. Jekk dan il-materjal ma jasalx fil-ħin kif ordnat mill-Kunsill dan għandu jintbagħat lura mingħjar ebda ħlas jew spejjeż għall-Kunsill.

2.1.4 Sinjal tat-traffiku fi Triq Ħal Resqun, Gudja. Is-Sindku qal li wara li Triq Ħal Resqun ġiet asfaltata mill-fondi tal-Kunsill hemm il-bżonn li jsiru ukoll sinjali tat-traffiku kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur Koptasin sabiex jagħmel dawk is-sinjali meħtieġa skond il-liġi.

2.1.5 Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Bini fil-Housing Estate tal-Mitħna Gudja. Is-Sindku nforma u steiden il-Kunsillieri sabiex ikunu preżenti għal-laqgħa mal-Perit Melanie Spiteri, Perit tal-Housing Authority dwar dan il-proġett li għandu jibda u jispiċċa fi żmien qasir.

2.2.0 Viċi-Sindku – Sur Romeo Baldacchino

2.2.1 Ftehim mal-Gudja United Football Club dwar l-użu tal-ground u faċilitajiet, mill-Kunsill Lokali Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li nhar it-13 t' April 2011 tfal mill-iSkola Primarja tal-Gudja użaw nofs il-grawnd. Huwa maħsub li nhar l-04 ta' Mejju 2011 l-iskola sejra tagħmel użu minn dan il-grawnd u għalhekk jidher li kif nahseb dan il-ftehim qed jagħti l-frott u li fi ftit żmien diġa ġew użati aktar minn tmientax-il siegħa.

Is-Sur Baldacchino fakkar sabiex dan il-ftehim issir aktar magħruf qalb l-għaqdiet ġewwa l-Gudja u dan sbiex kulħadd ikun jista jibbenefika minn dan il-ftehim li għalih ħareġ il-fondi tal-Kunsill.

2.2.2 Proġett bejn il-Kunsill Lokali Gudja, l-iSkola Primarja tal-Gudja u l-Greenpak. Is-Sur Baldacchino informa lill-Kunsill illi waqt l-attivita ta' nhar it-Tnejn 04 t' April 2011 dwar is-separazzjoni ta' l-iskart it-tfal ġabru aktar minn 1220 kilogramm ta' skart separat għar-riċiklaġġ.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Greenpak infurmawk li dan kien record u kien ukolll id-doppju ta' dak li nġabbar minn Għawdex f' okkażjoni simili. Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-Greenpak ikkonfermaw illi dak li nġabar f' din l-attivita huwa aktar milli jinġabar f' ġimgħa sħiħa mill-Gudja kollha.

2.2.3 Gazebos fi Ġnien Raymond Caruana Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem dwar ir-riġenerazzjoni ta' dan il-Ġnien pubbliku u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex jipprovid gazebos xierqa u li jagħti protezzjoni kontra l-elementi lill-dawk li jiffrekwentaw dan il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt ma' l-Uffiċjal inkarigat is-Sur Matthew Cilia sabiex jinkiseb il-progress meħtieġ f' dan ir-rigward.

2.2.4 Ġnien Ġlormu Cassar, Tax-Xlejli Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem dwar l-manutenzjoni ta' dan il-Ġnien li fih hemm bandli u apparat ieħor li għandu bżonn manutenzzjoni. Il-Kunsill qabel li jsir il-manutenzzjoni meħtieġa, jinxtraw żewġ bandli għal użu tat-tfal żgħar u jissewwa apparat ieħor kif ikun meħtieġ.

2.2.5 Triq San Pawl, Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li għandu jsir pjan sabiex din it-triq tingħata t-tarmak u jsiru l-bankini kif meħtieġ. Dan jeħtieġ kordinament tajjeb bjen il-MEPA, WSC, Enemalta u service providers bħal Go u Vodafone u entitajiet oħra sabiex fi stadju bikri jagħmlu l-installazzjonijiet meħtieġa u min jaħseb li jwaqqa l-post u jtella aktar bini kull m' għandu jagħmel iqabbad mas-servizzi kif ikunu provduti.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-MEPA sabiex qabel toħroġ il-permess il-kuntrattur ikun daħal fi ftehim mal-Kunsill dwar kif sejjer iħallas dwar l-ħsarat jew/u inkonvenjent li jkun sejjer jikkaġuna lill-Kunsill u lir-residenti l-oħra.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill f' isem is-Sur MA Sammut illi l-proġett dwar Youth in Action 2011 ġewwa Dryanovo il-Bulgarija bit-titolu ' Tradition and the modernity – a bridge to friendship' ġie approvat. Il-Kunsill qabel li joħorġu l-applikazzjonijiet billi tintbagħat ittra f' kull residenza tal-Gudja liema applikazzjoni għandhom jagħlqu fl-14 ta' Mejju 2011. Jekk l-ammont disponibbli jinqabeż il-Kunsill jara l-aħjar proċess ta' l-għażla li jkun jassigura li jkun proċess miftuħ u trasparenti.

b. Sinjal dwar proġett ta' toroq f' Tal-Mitħna Housing Estate iffinanzjat mill-Kunsill Lokali Gudja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi is-Sur Sammut kien bagħat jinforma lill-Kunsill illi dak il-bord f' dħul mal-Housing Estate f' Tal-Mitħna dwar li l-Kunsill qed jagħmel proġett ta' toroq li huma finazjati mill-Kunsill Lokali Gudja ma kienx qed f' post tajjeb peress li jista jiftiehem li x-xogħol fi Triq Ħal Tarxien kien qed issir ukoll mill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar dan il-bord u ġie spjegat l-Kunsill kien qed biss jagħmel referenza għax-xogħol tal-Kunsill fit-toroq tal-Qasam tad-Djar f' Tal-Mitħna u peress li ma kienx hemm post aktar addatat fejn jeħel, il-Kunsill ma jidirlux li għandu jpoġġi dan il-bord b' xi post ieħor. Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-bord kien il-ġewwa minn Triq Ħal Tarxien u għlahekk ma kellux għalfejn wieħed jikkonfondi u jaħseb li dan ix-xogħol fi Triq Ħal Tarxien kien qed jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Lokali Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll li Trasport Mlata setgħet faċilment tagħmel il-bord tagħa dwar dan ix-xogħol fi Triq Ħal Tarxien u l-Kunsill żgur li ma kienx joġġezzjona dwar dan.

2.3.2 Sur Osvaldo Pace

a. Is-Sur Pace qal li kompla fil-ħidma sabiex il-Kunsill jaħdem fil-qrib ma' l-iskola u b' hekk l-iskola tkun aktar ta' siwi għar-residenti tal-Gudja. Is-Sur Pace qal li kien qed jaħdem dwar Jum il-Qari li sejjer issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2011.

2.3.3 Sur Anthony Dalli

a. Kors ta' l-Ewwel Għajnuna. Is-Sur Dalli qal li bla dubju dan il-kors huwa popolari qalb ir-residneti tal-Gudj li kkonkorew bi ħġarhom anzi aktar minn dak maħsub. Is-Sur Dalli wal li qed isiur erba' lezzjonijiet fil-Ġimgħa fuq firxa ta' tmien ġimgħat. Il-Kunsill qabel li jinxtraw tlett fanniiet u affarijiet oħra dwar il-first aid. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex f' isem il-Kunsill jirringrazzja lil Professur Victor M. Sultana għal ħidma tiegħu u li jinħareġ kommunikat lill-media dwar dan il-kors ta' l-Ewwel Għajnuna. Il-Kunsill qabel ukollli jinħareġ ċertifikat ta' l-attendenza għal min jattendi mhux anqas minn 75% tal-lezzjonijiet.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll dwar l-ilmenti li rċieva tul il-perjodu u dwar kif dawn l-ilment ġew rikordjati u mwieġba mill-Kunsill għa-ssodisfazzjni tar-residenti. Il-Kunsill qabel dwar l-azzjoni li qed tittieħed f' waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent fl-iqsar żmien possibli.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjuzjoni dwar diversi ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-azzjonijiet meħtieġ dwar l-interess tal-Kunsill.

## 4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja - Progress

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi qed isiru testijiet meħtieġa fi Triq Ħal Resqun sabiex wara l-perit tal-Kunsill ikun jista' jagħti parir lill-Kunsill dwar il-pagamenti u ċertifikazjoni neċessarja qabel issir il-pagament finali kif ikun il-każ.

4.2 Is-Sindku qal li x-xogħol fi Triq l-Awrekarja, il-Kunsill ħareġ l-ittra ta' l-aċċetazzjoni u l-kuntrattur beda x-xogħol li għandu jkun lest sat-12 ta' Mejju 2011.

4.3 Dwar xogħol fi Triq joseph Gravina, il-Kunsill qed jindaga dwar il-ħtieġa li jiġu rranġati xi ħitan u dwar affarijiet oħra relattivi ma' din it-triq.

## 5.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements u Rapport tal-Awditur tal-Gvern Lokali

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb għal mistoqsijiet tas-Sindku u l-Kunsillieri, saret diskussjoni u dwar l-Financial Statements u r-rapport ta' l-Awdituri għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 u wara dawn ġew approvati unanimament.

5.2 Il-Kunsill qabel li dawn id-dokumenti għandhom jiġu iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kif meħtiġ u li jaslu għand l-Awditur sat-02 ta' Mejju 2011.

5.3 Income and Expenditure Statement Jannar sa Marzu 2011. Il-Kunsill ra u aprpova dan ir-rapport u qabel li jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-proċedura eżistenti.

**6.0 Finanzi**

6.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2011 b' ammont ta' €67.50 ġie approvat kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2011 għas-somma ta' €14,239.53 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill qabel u approva x-xiri ta' materjal, servizzi u xogħlijiet kif approvati aktar il-quddiem waqt din il-laqgħa u msemmija f' dawn il-minuti.

6.3.2 Xiri ta' mitt xkorta ta' 25kg il-waħda. Il-Kunsill approva dan ix-xiri sabiex isir xogħol ta' patching fid-diversi toroq tal-Gudja kif ikun meħtieġ.

6.3.3 Xiri ta' sitt jardi konkos fi Triq tal-Lampat Gudja. Il-Kunsill approva dan ix-xiri sabiex din it-triq tkun aktar aċċessibli.

6.3.4 Kiri ta' bobcat u erba' skips. Il-Kunsill approva dan sabiex isir it-tindif fl-inħawi tal-Knisja ta' Loreto Gudja.

**7.0 Għeluq tal-laqgħa**

7.1 Servizz ta' Segretarju Eżekuttiv u ħidma simili. Il-Kunsill ra l-ħtiġijiet tal-Kunsill dwar it-twetiq ta' proġetti u xogħlijiet tal-Kunsill kemm preżenti kif ukoll fututir u iddeċieda li huwa fl-aħjar interess tal-Kunsill Lokali Gudja li jżomm lis-Sur Joseph M. Formosa fil-kariga eżekuttiva u f' assoċjazzjoni u ħidma simili mal-Kunsill Lokali Gudja għal żmien indefinit.

Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju 2011 fil-5.30p.m. fuq l-agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Il-laqgħa għalqet fid-8.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________